bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp John Sacco)
vs
James Vella, iben Victor,
imwieled l-Imsida fit-22
ta' ottubru, 1956

Illum, 16 ta' jannar, 2001

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni kontra l-imputat -
1. talli fil-15 ta' ottubru, 2000 għal ħabta tal-4.30 p.m. u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellhu fil-pussess tiegħu arma regolari tal-għamla mhux magħruf tal-kalibru 9mm bin-numru A85752, Model 85 Auto, mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;
2. talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanżi kellhu fil-pussess tiegħu l-istess arma tan-nar imsemmija hawn fuq ma tax avviż tagħha lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-16 ta' jannar, 2001 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' jannar, 2001 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 3(1)(1A) u 9 tal-Kapitolu 66 tal-Liġi ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija iżda wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali tordna li s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' sena li tibda tiddekorri mil-lum, l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija. Inoltre, tordna l-konfiska tal-arma eżebita.